**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Frar 2020**

**Talba Nru: 140/18 CZ**

**ABC**

**vs.**

**DEF u GHI**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur mressqa fit-12 t'April 2018 li biha premetta:

Illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ammont rapprezentanti hsara li saret fil-fond Nru. XYZ, liema garaxx huwa propjeta' ta' missier l-attur li llum mejjet u l-attur huwa l-uniku eredi.

Illi l-konvenuti qeghdin jippretendu li jaghmlu uzu, jidhlu jew jippretendu xi tip ta' pussess fuq il-fond hawn fuq imsemmi.

Illi bl-agir tal-konvenuti l-attur sofra dawn id-danni.

Ra r-risposta tal-konvenuti mressqa fit-18 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepew:

Illi l-konvenuta DEF kienet f'relazzjoni, ta 'il fuq minn 20 sena, ma' missier l-attur, li llum huwa mejjet.

Illi minn din ir-relazzjoni twieled GHI, l-Ko-Konvenut, li illum m'ghadux minuri u li ghandu 18-il sena.

Illi huwa appuntu minhabba l-fatti suesposti li l-konvenuti kienu qed jghixu fil-propjeta ta' Nru XYZ, u dana kemm peress li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' missier l-attur, kif ukoll sabiex tiehu hsieb lill-istess missier l-attur.

Illi waqt u wara li gew mitluba sabiex jitilqu mill-fond imsemmi, ossia Nru XYZ, ma saru l-ebda hsarat, ansi saru diversi emeljorajitajiet [sic] u tibdil ghal ahjar tal-propjeta, specjalment meta kienu qeghdin jghixu fl-istess propjeta sabiex jiffacilitaw il-hajja ta' missier l-attur fiz-zmien li kien haj.

Illi għaldaqstant, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, b'dan illi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż u d-drittijiet kontra l-attur;

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mill-Liġi.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavits ta' ABC (fol. 21)[1], Maria Magro (fol. 28), Teresa Degabriele (fol. 34), DEF (fol. 39), u GHI (fol. 51).

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta illi l-konvenuti kienu jghixu fil-fond numru XYZ`V, u dan sakemm miet JKL, li sad-data tal-mewt tieghu kien jikkoabita mal-konvenuta.

Illi l-attur jallega li hu bin l-istess JKL, u dan mhux kontestat.  Illi l-konvenut ukoll jallega li hu bin l-istess JKL, pero' legalment mhuwiex maghruf bhala tali, u dan bhala fatt gie kontestat mill-attur.

Illi l-attur allega illi wara mewt missieru, mill-fond in kwestjoni nsterqulu welding set, u ghodda u sabiex  sar tali serq kellu jigi sgassat bieb li saritlu l-hsara u kellu jsewwieh.

[1] Sar ukoll kontro-ezami tal-istess xhud (fol. 60)

Illi l-attur ma gab l-ebda prova konklussiva li kien il-konvenut li dahal u sgassa l-fond in kwestjoni, u iktar u iktar li seraq l-oggetti imsemmija. Il-konvenut min-naha l-ohra pero' ammetta fl-affidavit tieghu stess illi dahal fil-fond in kwestjoni, u li ratu Maria Magro u qaltlu li se ccempel lill-Pulizija, u hu baqa' hemm sakemm gew il-Pulizija. Jghid ukoll illi kien hemm affarijiet li halliehom fuq il-post, ghax ma setax igorr kollox f'daqqa. Dan naturalment jimplika li kien hemm affarijiet li ha, ladarba ma setax igorr kollox f'daqqa. Dan jaghti ghalhekk iktar kredibilita' lil dak li qal l-attur, u cioe' li kien il-konvenut li ha l-oggetti msemmija. Il-konvenut jghid illi l-welding set in kwestjoni ma hadux. L-attur iccara illi l-welding set li nsteraqlu ma kienx dak ta' missieru, izda wiehed li kien xtara hu personalment. Mill-provi ta' cirkostanza, u fuq bazi ta' probabilita', anke mill-mod kif xehed il-konvenut innifsu, lit-Tribunal jirrizultalu li kien minnu ghalhekk illi l-konvenut dahal fil-fond b'mod klandestin u ha oggetti li kienu fl-istess fond, u dan mhux sabiex imur jara l-istess fond ghax kien jixtieq jarah, kif allegat l-konvenuta, izda biex jiehu l-oggetti minn hemm.

Illi jirrizulta pero' lit-Tribunal illi l-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn f'dan kollu u ghalhekk tharrket minghajr htiega.

Illi jirrizulta wkoll lit-Tribunal illi l-bdil ta' hgiega ta' bieb tal-aluminium, skond ir-ricevuta a fol. 22, giet tiswa erba' mija u tlettax-il Euro (€413). Din ir-ricevuta ma gietx konfermat minn min harigha u t-Tribunal mhuwiex tenut iqisiha bhala prova sodisfacenti, anke ghaliex ma ngabet l-ebda dikjarazzjoni mill-kontro-parti dwar l-awtenticita' taghha. Dan il-prezz, ghall-bdil ta' hgiega, *ictu oculi* huwa ezagerat, u t-Tribunal sejjer jillikwida *arbitrio boni viri* l-prezz tat-tiswija tal-hsara ghal dak ta' mitt Euro (€100). Oltre dan, jibqa' l-fatt illi l-attur talab b'kollox elf u sitt mitt Euro (€1,600), filwaqt li fl-affidavit tieghu jghid li sofra telf ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400). Dan it-Tribunal jippreciza illi hawn mhuwiex il-lok biex wiehed jispara c-cifri kif gie gie. L-attur ma ghamel l-ebda elenku tal-ghodda allegatament misruqa,

u kemm kien jiswa kull oggett tal-ghodda allegatament misruqa. Lanqas ma gab xi prova li biha seta' juri kemm kienu jiswew l-oggetti misruqa. It-Tribunal, ghalhekk huwa totalment priv minn kull informazzjoni li biha jista' jillikwida kull ammont li jista' jkun dovut, ladarba l-unika ricevuta li gab l-attur (u wkoll ezagerata) kienet dik tat-tiswija tal-bieb tal-aluminium. Ghaldaqstant, in vista ta' dan in-nuqqas ta' prova, it-Tribunal mhu sejjer jillikwida l-ebda somma altrimenti dovuta lill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' parzjalment ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, u jilqa' parzjalment it-talbiet tal-attur, u jikkundanna biss lill-konvenut GHI ihallas lill-attur is-somma ta' mitt Euro (€100), bl-imghax mid-data tas-sentenza tal-lum sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-attur u n-nofs l-iehor mill-konvenut GHI. L-ispejjez tal-konvenuta DEF ghandhom jithallsu interament mill-attur.

It-Tribunal inoltre jordna li l-ismijiet u l-indirizzi f'din is-sentenza ma jigux pubblikati.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur